MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 434/2014

**Blueprint Grafix Limited [C-24416]**

**Vs**

**R.T.S. Limited [C-32146]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-3 ta' Lulju, 2014** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf tlett mija sitta u tletin Euro [€1336] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat, minn dana l-Onorabbli Tribunal, ihallas lill-attrici s-somma ta' elf tlett mija u sitta u tletin Ewro (€1336.00) rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni ma xoghol ta' stampar u provvista ta' materjal in konnessjoni mal-istess liema xoghol gie minnek ordnat u lilek debitament konsenjat u pprovdut.

> Illi nonostante nterpellat ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali that l-artikolu 166A Kap 12 dana baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
>
> Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li s-socjeta intimata, minkejja li giet debitament notifikata fit-3 ta' Dicembru, 2014 (tergo fol. 20) baqghet ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' George Vella, direttur tas-socjeta rikorrenti li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat ta' €1336 ghadu dovut mis-socjeta intimata.

Ra li Dr. Noel Bartolo iddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' elf tlett mija sitta u tletin euro [€1336] u dan in konnessjoni ma xoghol ta' stampar u provvista ta' materjal.

   Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehed llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elf tlett mija sitta u tletin (€1336) ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b)* *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, s-socjeta intimata giet debitament notifikata fit-3 ta' Dicembru, 2014 (tergo fol. 20) u baqghet ma dehritx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf tlett mija sitta u tletin euro [€1336] bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------